SEEING THE WORLD THROUGH NATURE

SCHOOL WORK SHEETS

## BLOCK 4:

# IS-SABIĦ TAX-XITWA





Seeing the world through nature

## Download the project’s app

To complete some of the tasks outlined in the school work sheets you will need our special smartphone app. To download this app, please go to the online app store (App Store for iOS or Google Play for Android) and enter the name “Meet the Birds” in the search field.

Otop BirdLife International Partner · BirdWatchIreland · BirdLife Cyprus · BirdLife Malta · Polski Związek Niewidomych

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union



# BLOCK 4
# IS-SABIĦ TAX-XITWA

**Ftit informazzjoni bażika:** Din il-blokka tista' tintuża biex taħsbu dwar temperaturi differenti li jesperjenzaw l-għasafar  fi staġuni differenti. Tista' tiġbor materjali li juża l-bnedmin biex jipproteġu ruħhom mill-ksieħ.

| ID-DETTALJI TAL-PROBLEMA | **X'inhi l-istruttura ta' rixa ta' għasfur? X'tipi ta' rix hemm? It-tniġġiż tal-ambjent kif jaffetwa l-għasafar?** |
|---|---|
| **Osservazzjonijet u esperimenti li jistgħu jsiru ġewwa** | Ir-rix insibuh biss fuq l-għasafar. Għal dawn l-attivitajiet, uża rix li ġbart tul is-sajf. Qis li tkun ġbart tipi differenti ta' rix (pinen li jtiru bih mill-ġwienaħ u d-denb, coverts, down feathers) Ikkumparahom flimkien mal-istudenti u sib differenzi u similarijiet **(S4/A/1 u S4/A/2)**.<br><br>Uża dan il-vidjow qasir  **"FLIGHT: The Genius of Birds – Feathers"** biex jaħsbu dwar il- funzjoni tar-rix (**https://www.youtube.com/watch?v=Y2yeNoDCcBg**). L-għalliema għandha tispjega dak li jkun għaddej mat-tfal neqsin mid-dawl. Ħalli lit-tfal iqabblu r-rix ma' fejn suppost ikunu fuq mudell ta' xi għasfur.<br><br>Uża gwida għall-identifikazzjoni tar-rix **(S4/A/3)**, tfal li huma partially sighted jistgħu jippruvaw jaqtgħu minn liema għasfur ġejjin.<br><br>Iċċekkja jekk ir-rix jistax jipproteġi **(S4/A/4)** għasfur mill-kesħa tax-xitwa. Għal din l-attvità hemm bżonn l-għajnuna tal-għalliema.<br><br>Ir-rix tal-għasafar huma perfettament adattati għall-funzjonijiet tagħhom. Huma ħfief, jiffaċilitaw it-titjir u jinxfu malajr. Però, jistgħu jitilfu wħud minn dawn il-karatteristiċi f'ambjent imniġġes. Agħti ħarsa lejn xi karatteristiċi ta' rix mal-istudenti tiegħek **(S4/A/5)**. Għal din l-attvità hemm bżonn l-għajnuna tal-għalliema. |
| **Attivitajiet artistiċi** | It-tfal jistgħu joħolqu tpinġija billi jużaw rix minflok pniezel. Uża linka kkulurita jew poster paints maħlula biex jiġu f'densità kremuża<br><br>Tista tuża r-rix biex toħloq fairy birds. Uża mudell ta' għasfur magħmul mill-karti jew uża t-tafal. Is-saqajn jistgħu jiġu magħmula minn paper clips mgħawwġin. Jekk tixtieq tara l-istruttura u t-tipi ta' rix iktar mill-qrib, oħloq mudell ta' għasfur. |
| **Attivitajiet lingwistiċi u kitba** | Ir-rix, ġeneralment tal-wiżż kien jintuża bħala għodda għall-kitba. Ipprova ikteb bir-rix. Uża rixa kif inhi u wara uża waħda bit-truf maqtugħin għall-ponta. |
| **Opportunità għat-tagħlim fil-Matematika** | Għodd kemm-il tip ta' rixa hemm: Kemm hemm rix tat-titjir (flight), contour u down feathers? Liema minnhom hemm l-iktar? Kemm hemm?<br><br>Uża tejp tal-kejl, kejjel it-tul ta' rix minn speċi differenti. Skont l-etajiet tat-tfal, irranġahom mill-iżgħar sal-itwal jew iklassifikhom skont it-tul (ċm) tagħhom.<br><br>Esplora kemm huma ħfief ir-rix billi tiżinhom **(S4/A/6)**. |
| **Logħob u kompetizzjonijiet** | **Ilgħab il-bird quiz** – tiswa ta' reviżjoni tal-ismijiet tal-għasafar. Uża ballun jew beanbag. Il-parteċipanti joqogħdu f'ċirku u jwaddbu l-ballun lil xulxin. Min jaqbad il-ballun irid jgħid isem ta' għasfur. Fejn hemm tfal neqsin mid-dawl jew huma partially sighted, tista' tgħajjat isem xi ħadd u dan jgħajjat isem ta' għasfur minflok iwaddbu l-ballun. Tista' żżid iktar kundizzjonijiet, eż., semmi biss dawk l-għasafar li joqogħodu hawn fix-xitwa, semmi biss dawk li jqattgħu ix-xitwa f'postijiet iktar sħan, semmi biss għasafar ikkuluriti, għasafar li għandhom l-ittra "a" f'isimhom, eċċ. |

Għal dawk l-istudenti li huma interssati fix-xjenza naturali, tista' telabora iktar billi tikkompara r-rix ma epidermal growths oħra (bħal per eżempju dwiefer, qxur tal-ħut jew rettili, xagħar jew munqar)

Erasmus+

# X'TIPI TA' RIX IKOLLHOM L-GĦASAFAR?

## X'se jkollok bżonn:

- Varjetà ta' rix differenti: Ġib miegħek ħafna rix (eż.: pinen tal-ġwienaħ u rix tad-denb, coverts, down feathers). Tista' twaħħal ir-rix bil-kolla fuq karta u tagħtiha lill-istudenti jew grupp studenti. Tista' wkoll turi mudell ta' għasfur biex turi rix differenti ta' għasfur.
- Lenti
- Gwida jew websajt għall-identifikazzjoni tar-rix.

## Attivitajiet u mistoqsijiet

1. Ħares mill-qrib lejn ir-rix – eżminahom
2. X'taf tgħid dwar il-qies u l-għamla?
3. Irranġahom f'ordni skont kif tixtieq
4. Kemm-il rixa differenti tista' tidentifika?
5. Qabbel il-forom tar-rix u pprova aħseb u aqta' l-qies tal-għasfur li minnu ġej ir-rix.

## Aħseb dwar dawn l-aspetti:

Ir-rix kollha għandhom l-istess għamla?
Sib x'hemm l-istess u x'hemm differenti. X'tista' tkun ir-raġuni?

## Linji gwida għall-għalliema

- Jekk ma tistax issib rix, ipprepara mudelli jew tactile/embossed images tagħhom. Żomm f'moħħok li t-tactile images jew ir-rix ta' vera li tagħżel ikun fihom karatteristiċi fejn it-tfal faċilment jidentifikaw id-differenzi bejniethom. Dan isir billi tagħżel stampi jew rix fejn hemm differenzi ovvji u distinti (eż. Rixa żgħira u oħra kbira, rixa dejqa u oħra wiesa). Tużax iktar minn 4 tipi ta' rix differenti.
- Din l-attività tista' tagħmilha iktar diffiċli, biex tħeġġeġ lill-istudenti: tihom jikkumparaw bejn 2 rixiet li huma kompletament differenti u biddel sakemm ikollok 2 rixiet li huma simili.
- Agħmel differentiation ma' studenti neqsin mid-dawl u li huma partially sighted.
- Jekk ikun hemm bżonn, spjega lill-istudenti d-differenzi u s-similaritajiet fl-għamla tar-rix.

Erasmus+

# GĦALA L-GĦASAFAR GĦANDHOM IR-RIX?

**Għala taħseb li l-għasafar għandhom ir-rix:**

.................................................................................................................................................................

.................................................................................................................................................................

.................................................................................................................................................................

## Dak li se jkollok bżonn

- Rix/pinen tal-ġwienaħ u tad-denb (Ir-rix li jtiru bih)
- Lenti

## Attivitajiet u mistoqsijiet

1. Ħares sewwa u bir-reqqa lejn ir-rix
2. Iżinhom f'idejk
3. Xejjer ir-rix. Xi tħoss?
4. X'jiġri jekk tiġbed il-vane tar-rix? Tista' terġa tirranġaha?

.................................................................................................................................................................

.................................................................................................................................................................

## Aħseb dwar dawn l-aspetti:

1. Fejn jinsabu r-rix primarji u l-pinen? Għalfejn qegħdin?
2. Ara xi ktibt inti fl-ewwel parti u ara l-vidjow bil-voice-over "FLIGHT: The Genius of Birds – Feathers" (https://www.youtube.com/watch?v=Y2yeNoDCcBg)
3. Għala għandhom ir-rix l-għasafar? Liema mill-ħsibijiet tiegħek kienu korretti?

## Linji gwida għall-għalliema

- Dan il-vidjow fih voice-over bl-Ingliż. Għandek tiddeskrivi dak li qed jiġri lil tfal neqsin mid-dawl.

# GWIDA GĦAL RIX LI FAĊLI TIDENTIFIKA

Rix tal-għasafar tista' ssibhom matul is-sena kollha. Tista' tuża r-rix li preparajt qabel. Tista' wkoll toħloq gwida għall-identifikazzjoni tar-rix.

## Se jkollok bżonn

- A bunch of feathers
- A notepad, notebook, a small book or anything that may serve as a guidebook
- Fix feathers to sheets of paper, remembering to put the name of each bird next to each feather. Write the name in
- Braille and in high-contrast large print.


(MK)

Din ir-rixa tilifha Jay


(JV)


(MK)

Din ir-rixa tilifha Great Spotted Woodpecker


(JV)


(MK)

Din ir-rixa tilifha Woodpigeon


(JV)


(MK)

Din ir-rixa tilifha malvizzun


(JV)



(MK)

Din ir-rixa tilfitha Kuċċarda



(MK)

Din ir-rixa tilifha Kuluvert



(JV)



(JV)

# L-GĦASAFAR IĦOSSU BARD?

## Linji gwida għall-għalliema

- L-għalliema għandha toqgħod attentat li l-istudenti ma jwaqqgħux l-ilma u li l-fliexken jingħalqu sewwa.
- Biex jiġu evitati inċidenti, l-għalliema għandha tieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa fil-klassi (eż. Ipoġġu madwar mwejjed tondi u fi gruppi).
- Jekk hekk taħlita ta' tfal neqsin mid-dawl u le, dawk l-istudenti neqsin mid-dawl għandhom jintalbu jippruvaw din l-attività l-ewwel.

## Inti x'taħseb? L-għasafar iħossu bard jew le

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

## X'se jkollok bżonn

- 2 flixken tal-plastik bit-tapp
- Ilma fietel (mhux jaħraq)
- Spaga jew tejp

## Mistoqsijiet u attivitajiet

1. Ilma ż-żewġ fliexken bl-ilma
2. Agħlaq il-fliexken sewwa. Iċċekja t-temperatura. Hija l-istess fiż-żewġ fliexken?
3. X'jiġri jekk tgeżwirhom f'imħadda tar-rix u tħallihom barra għal xi ħin?

## Aħseb dwar dawn l-aspetti:

- Ir-rix jipproteġi mill-kesħa? Dan huwa importanti għall-għasafar?
- Ir-rix jipproteġu wkoll mis-sħana? Kif tista' tiċċekja?

Erasmus+

# KEMM HUMA B'SAĦĦITHOM IR-RIX?

### Linji gwida għall-għalliema
Għal dan it-taħriġ hemm bżonn l-għajnuna tal-għalliema.

## 1. Ir-rix jixxarrab?

### X'se jkollok bżonn
- gabarre
- ilma
- rix
- biċċa drapp
- kitchen roll

### Mistoqsijiet u attivitajiet
1. Poġġi r-rix u l-biċċa drapp fuq il-gabarre
2. Ferra l-ilma fuqhom. X'jiġri? Ir-rix u d-drapp; it-tnejn li huma xorbu l-ilma?
3. It-tnjen li huma nixfu malajr meta imsaħthom bil-kitchen roll?

### Aħseb dwar dawn l-aspetti:
- Għandek idea x'ġara? X'implikazzjoni għandha għall-għasafar?
- L-għasafar jistgħu jtiru meta tkun ix-xita? Għala?

## 2. Ir-rix jista' jsirlu ħsara?

### X'se jkollok bżonn
- gabarre
- 3 tazzi bl-ilma
- 2 rixiet
- pipetta
- żejt
- sapun tal-platti
- kitchen roll

### Attivitajiet u mistoqsijiet
1. Ferra l-ilma fit-tazza. Għaddas 2 rixiet fih. Oħroġhom u eżaminhom bir-reqqa.
2. Żid ftit taqtir taż-żejt fit-tazza fejn hemm l-ilma. Bill ir-rix fiha. Kif jidher iż-żejt fuq il-wiċċ tal-ġwienaħ?
3. Ir-rixa titnaddaf meta timsaħha bilmod bil-paper towel?
4. Ipprepara żewġ tazzi bl-ilma (sħun u kiesaħ). Laħlaħ l-ewwel rixa fl-ilma kiesaħ u l-oħra fl-ilma sħun. Iċċekkja telaqx iż-żejt minn mar-rixa.
5. Iż-żejt jitlaq jekk inżid xi qtar tas-sapun tal-platti mal-ilma?

### Ikkunsidra:
- X'taħseb li ġara? Xi jfisser dan għall-għasafar?
- X'jiġri meta l-papri jgħumu f'vaski imniġġsa?
- Kif nistgħu nipprevjenu dawn is-sitwazzjonijiet? Għala huwa important li nieħdu ħsieb l-ambjent tagħna?

Erasmus+

# NILGĦABU LOGĦBA: IL-PIŻ TA' RIXA

## Linji gwida għall-għalliema

- Din l-attivita' għanda bżonn il-ħin u l-kawtela. L-għalliema tista' tillesti l-basktijiet minn qabel biex tevita dewmien ta ħin u riskji mhux mistennija.

## Dak li se jkollok bżonn

- spalliera
- some drawstring bags
- tazza tal-platic li tesa' 250ml
- rix
- ħafur
- għażla ta' sustanzi oħra
- labar tal-inxir

## Attivitajiet u mistoqsijiet

- Poġġi tazza mimlija rix fi drawstring bag. Agħlaq il-bakset.
- Poġġi l-ħafur f'tazza u itfgħu fi drawstring bag. Agħlaq il-basket sewwa.
- X'jiġri jekk iddendel iż-żewġ basktijiet mal-ispalliera bil-labar tal-inxir u ddawwarha? Kif tista' tispjega dak li qed jiġri?
- Irrepeti l-proċess b'sustanzi oħra. Osserva dak li qed jiġri u oħroġ b'konlklużjoni.
- Kif tista' tqassam il-prodotti skont il-piż tagħhom?

| | |
|---|---|
| *EĦFEF* | *ITQAL* |

## Ikkunsidra:

- Xi tfisser l-idjoma "ħafif rixa"?
- Liema huwa itqal? Kilo rix jew kilo dqiq?

Erasmus+



These materials for teachers working with blind and visually impaired children have been prepared within the project "Seeing the World Through Nature." These are based on the educational resources that resulted from the project "Empowering Teachers and Pupils for a Better Life Through Nature," and the suggestions contained therein have been adapted to work with children with impaired vision in order to enable them to learn as much as possible about nature through direct contact with it.

Non-governmental organisations involved in bird protection, partners in international federation BirdLife International, participated in the project. The Polish Society for the Protection of Birds (OTOP) was the leader of this educational initiative, which also involved the associations BirdWatch Ireland, BirdLife Malta and BirdLife Cyprus. The Polish Association for the Blind was the partner cooperating in the field of adaptation of source materials for the needs of teaching blind and visually impaired children.

Both projects were carried out with the financial support of the European Commission (Erasmus+ programme).

## AUTHORS:

CONCEPT AND TEXT OF MATERIALS PREPARED WITHIN THE FRAMEWORK OF THE PROJECT, "EMPOWERING TEACHERS AND PUPILS FOR A BETTER LIFE THROUGH NATURE":
Iwona Majcher
Katarzyna Rosińska
Ryta Suska-Wróbel

COVER DESIGN AND GRAPHICS ON THE COVER:
Wiktor Tabak

ILLUSTRATIONS:
Juan Varela (JV)
Marek Kołodziejczyk (MK)

PHOTOGRAPHS:
Bogdan Moczarski (BM)
Cezary Korkosz (CK)
Iwona Majcher (IM)
Jadwiga Moczarska (JM)
Karolina Kalinowska (KK)
Łukasz Zdyb (ŁZ)
Natalia Kann (NK)
Pixabay (px)



BIRDWATCH IRELAND is the largest independent conservation organisation in Ireland. A registered charity, its aim is the conservation of wild birds and their natural habitats. It has over 15,000 members and a network of 30 local branches. It manages nature reserves which protect threatened habitats and their wildlife, works to conserve Ireland's biodiversity, and carries out education, survey and research work. For more information, go to www.birdwatchireland.ie